# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# DECIZJONI NUMRU 2638

**Kaz Numru 3657/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Maria Tereza maghrufa bhala Tessie Mifsud detentrici tal-karta ta' l-identita' Numru 348160(M) u residenti 95, Sunflower, Triq L. Casolani, Ta' Paris, Birkirkara**

**u**

**FIM Property Investment Limited u FIMBANK plc**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta (constructive dismissal)*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 4 ta' Dicembru, 2019**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Maria Tereza Mifsud fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-2 ta' Lulju, 2018, fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-impieg taghha sehhet ghaliex hija kienet kostretta tirrizenja liema rizenja tammonta ghal *constructive dismissal* u ghaldaqstant ma kienetx wahda gusta u valida fil-ligi. Is-socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg kienet rizenja.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm seba' (7) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Maria Tereza Mifsud li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assistenza ta' Dr. Maria Cardona.

FIM Property Investment Ltd u FIMBANK plc li minn issa l-quddiem ser jissejjhu s-socjetajiet intimati kienu rapprezentati mis-Sur Jason Zammit, Ms. Christine Coleiro, mis-Sur Jason Dury, mis-Sur Charles Testa u mis-Sur Joseph Micallef u kienu assistiti minn Dr. Paul Gonzi.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet impjegata ma' FIMBANK plc bhala *Cleaner* bejn l-10 t'Ottubru, 1995, u l-5 ta' Mejju, 2014, fil-bidu fuq bazi *part-time* u f'Lulju 1998 fuq bazi *full-time*.
Fil-5 ta' Mejju, 2014, l-impjieg taghha kien gie formalment trasferit ghal mall-FIM Property Investment Ltd.
Sa mill-2012 minhabba cirkostanzi personali l-Appellanti nghatat koncessjoni temporanja ghal sena, rivedibbli wara kull perjodu u bdiet tahdem fuq sighat imnaqqsa ta' xoghol.
F'Mejju 2018 hija kienet giet informata illi l-koncessjoni moghtija aktar qabel, ma kienetx ser tibqa' applikabbli wara l-31 t'Ottubru, 2018, fejn allura kienet mistennija terga' tibda tahdem gimgha ta' 40 siegha mill-1 ta' Novembru, 2018.
Fit-23 ta' Mejju, 2018, l-Appellanti ssottomettiet bil-miktub ir-rizenja taghha fejn qalet li kieku kienet mgharrfa aktar qabel li kellha terga' tibda tahdem gimgha ta' 40 siegha, hija kienet tapplika ghall-iskema ta' rtirar mix-xoghol kmieni, skema li kienet offruta lill-impjegati xi 8 xhur qabel.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Maria Tereza Mifsud** (l-Appellanti) permezz ta' affidavit xehdet li hija kienet qabdet tahdem mall-FIMBANK plc fis-sena 1995, u dan fuq bazi *part-time* fejn kienet tahdem 12 il-siegha fil-gimgha. Hija kompliet li fl-1998 kienet qalbet *full-time*, b'40 siegha xoghol fil-gimgha.
Ix-xhud kompliet li minhabba tragedja familjari li sehhet fl-2012, il-*Management* kien fehem ic-cirkostanza li ngiebet fiha u sar ftehim li permezz tieghu hija bdiet tahdem gimgha mnaqqsa ta' xoghol u cjoe' ta' 21 siegha fil-gimgha. Hija spjegat li tali ftehim li kien b'sehh minn Novembru 2012, kien baqa' jigi mgedded sena wara l-ohra, bl-ahhar tigdid ikun f'Ottubru 2017. F'dan ir-rigward hija tenniet li kienet tiffirma kull darba li kien isir tigdid ta' dan l-arrangament. Hija sostniet li qatt ma kien ghaddielha minn mohhha li dan l-arrangament seta' ma jibqax jigi mgedded. Hija sostniet li kienet tifhem li s-sighat setghu jizdiedu kieku xtaqet hi.

Ix-xhud kompliet li f'Mejju 2018 kienet giet informata mill-*Management* li kien mehtieg illi hija tibda tahdem mis-06.00 sat-15.00 mit-Tnejn sal-Gimgha u cjoe' 40 siegha fil-gimgha biex tigi bhal *cleaners* l-ohra. Hija qalet li tali nformazzjoni kienet inghatatilha minn Jason Zammit fil-presenza ta' Charles Testa.
Hija qalet li kienu qalulha li dan irid isir kemm minhabba x-xoghol u anke sabiex hija tibda tahdem bhal l-impjegati l-ohra ghaliex dawn kienu qed jilmentaw.
F'dan il-kuntest hija spjegat li hija kellha salarju oghla minn tal-kollegi taghha ghaliex kienet ilha tahdem mall-kumpanija aktar minnhom. Ix-xhud qalet li kienet saritilha offerta sabiex is-sighat tax-xoghol jizdiedu gradwalment sakemm tilhaq l-40 siegha f'Novembru.
Hija spjegat li kagun ta' dan it-tibdil hija kienet kostretta tirrizenja wara 23 sena servizz, f'xoghol li kien ghal qalbha, u dan ghaliex minhabba l-esigenzi tal-familja kienet taf li sa Novembru ma kienetx tkun tista' tahdem 40 siegha.
Ix-xhud stqarret li kienet tkellmet ma' Christine Coleiro tal-*HR*, fejn din min-naha taghha bdiet tghidilha biex tahsibha, pero' r-rejazzjoni taghha (tal-Appellanti) minkejja l-insistenza ta' Coleiro sabiex tahsibha qabel tiehu decizjoni definittiva, kienet li ma setghetx izzid is-sighat tax-xoghol.
Ix-xhud stqarret li l-ittra tar-rizenja li kienet kitbitilha n-neputija taghha, kienet tatha lil Jason Zammit pero' qabel kienet urietha lil Coleiro. Hija qalet li tul l-impjieg taghha qatt ma kellha kwistjonijiet mall-*Management*.
Dwar l-*Early Retirement Scheme*, x-xhud stqarret li f'Awwissu / Lulju 2016 kienet tkellmet dwarha mall-*Head HR* Bruno Cassar u meta dan spjegalha dwar jekk kienetx interessata hija qalet li '...ghidtlu ma nistax nieqaf issa. Bis-somma x'se naghmel jien. Ghidtlu ahjar il-paga hux..... ghedtlu *thank you* Bruno imma ma nistax.'
Ix-xhud qalet li kienet cemplitilha Christine Coleiro fejn kienet informata li kienu ppreparawlha ittra li kienet tghid li kienu qeghdin joffrulha €500 'buona grazzja'. F'dan il-kuntest lil Coleiro kienet qaltilha '... mela ma nwaqqax xi haga meta jien inhossni urtata, gejt kostretta li nieqaf.... u niffirma karta qiesu qatt ma kien xejn ghal €500... ghidtilha ibghatli din il-karta ha nuriha naqra lill-avukat tieghi.' Ix-xhud qalet li hija kienet talbet lill-*HR* sabiex jghaddulha din l-ittra sabiex turiha lill-Avukat taghha, izda tali ittra ma waslet qatt.
Ix-xhud tenniet li wara li spiccat minn dan ix-xoghol ma hadmet imkien aktar minkejja li '...kien hemm minn offrieli xoghol anke mill-Bank stess, imma le..' Hija stqarret li ma tirregistrax bhala disimpjegata u ddecidiet li tibqa' d-dar.

**Christine Coleiro** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija ilha tahdem mall-kumpanija sa mill-2006 u hija l-*Group Head HR*, kariga li ilha tokkupa sa minn Novembru 2018. Ix-xhud qalet li skond informazzjoni li ghandha l-Appellanti kienet inizjalment ingaggata mall-FIMBANK PLC fl-1998 fuq bazi *full-time* u f'Mejju 2014 l-impjieg taghha kien gie trasferit ghal ma' l-FPI.
Ix-xhud kompliet li l-Appellanti kienet impjegata bhala *Housekeeper*, u fejn f'Novembru 2012, l-Apellanti minhabba xi cirkostanzi familjari kienet talbet sabiex

minn 40 siegha xoghol fil-gimgha tibda tahdem 21 siegha mifruxa mit-Tnejn sal-Hamis, u l-*Management* laqa' t-talba taghha.
Ix-xhud qalet li f'Mejju 2018, Jason Zammit *Managing Director* FPI kien informa lill-Appellanti dwar tibdil fil-hinijiet tax-xoghol. Hija qalet li dwar dan is-suggett nhar il-15 ta' Mejju, 2018, l-Appellanti kienet kellmet ukoll lilha, fejn kienet spjegatilha li l-*Management* FPI ried izidilha s-sighat tax-xoghol minn 21 siegha ghal 40. Fl-istess diskursata l-Appellanti kienet gharrfitha li minhabba *commitments* li hija (l-Appellanti) ghandha hija ma tistax tahdem 40 siegha. Ix-xhud tenniet li f'dan ix-xenarju l-Appellanti kienet qaltilha li ser tirrizenja u hija (x-xhud) qaltilha sabiex ma tirrizenjax u talbitha tikkunsidra l-posizzjoni. Ix-xhud kompliet li l-insistenza li hija tirrizenja ppersistit minkejja li fis-17 ta' Mejju, 2018, il-*Management* kien offrielha perjodu ta' transizzjoni, fejn is-sighat ta' xoghol minn 21 siegha jizdiedu ghal 40 b'mod gradwali.
Ix-xhud qalet li sa fejn hija nformata, kienu l-esigenzi ta' xoghol tal-FPI li wasslu lill-*Management* jordnaw lill-Appellanti sabiex terga' tibda tahdem gimgha ta' 40 siegha.
F'dan il-kuntest ix-xhud qalet li l-arrangament ta' *reduced hours* huwa wiehed temporanju fejn il-facilita' tigi mgedda kull sena. Ix-xhud qalet li sa fejn taf hi, mpjegati bhal l-Appellanti hemm 3 jew 4.
Ix-xhud ghamlet referenza ghall-ittra ta' rizenja datata 23 tax-xahar li kienet ipprezentat l-Appellanti l-ghada, fejn kienet spjegat li minhabba cirkostanzi ta' familja hija ma setghetx tahdem 40 siegha fil-gimgha u li kieku kienet taf zmien qabel li kienet ser tintalab izzid is-sighat tax-xoghol hija kienet tapplika ghal l-iskema ta' rtirar kmieni. Ix-xhud spjegat li tali skema ta' *early retirement* kienet offruta lill-impjegati kollha tal-*Group* u kienet harget f'Awwissu 2017. Ix-xhud kompliet li kien hemm hafna mpjegati li kienu applikaw u fejn wara evalwazzjoni ta' kull applikazzjoni, numru kellhom it-talba taghhom milqugha u ohrajn le.
Dwar il-kumpens ta' €500 li gie offrut lill-Appellanti min-naha tal-FPI, x-xhud qalet li tali kumpens kienet cemplet dwaru lill-Appellanti u dan bhala rikonoxximent tas-servizz moghti. Ix-xhud kompliet li dwar dan hija nfurmat lill-Appellanti li l-accettazzjoni ta' dan il-kumpens kellha ssir permezz ta' ittra ffirmata, fejn bhal speci l-FPI ma kellux tort taz-zieda fl-orarju tax-xoghol. Ix-xhud qalet li l-Appellanti kienet informata sabiex tibghatilha l-ittra halli turiha lill-avukat taghha. Ix-xhud qalet li fic-cirkostanza li l-kumpens ma kienx qed jigi accettat, l-ittra riferuta ma ntbaghatitx.

**Jason Zammit** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jokkupa l-kariga ta' *Managing Director* tal-FPI u dan sa mill-2009. Huwa spjega li FPI hija sussidjarja tal-FIMBANK u tiehu hsieb il-binja mil-lat ta' manutenzjoni, tindif u sigurta'. Kompla li bhala mpjegata, l-Appellanti kienet taqa' tahtu.
Huwa spjega li bhala gerarkija amministrattiva hemm zewg *Supervisors*. B'mod generali x-xhud stqarr li r-relazzjoni ta' xoghol ma' l-Appellanti kienet wahda tajba. Ix-xhud qal li l-htiega li jizdiedu s-sighat tax-xoghol u certu doveri ta' l-Appellanti kienu minhabba l-esigenzi tax-xoghol. Dan qalu filwaqt li spjega li bhala numru ta' mpjegati fil-grad bhal ma kellha l-Appellanti kien hemm erbgha.

F'dan il-kuntest ix-xhud spjega li parti mill-binja minn fejn jopera l-Bank hija mikrija lil 4 inkwilini privati u li s-servizzi ta' tindif jigu ukoll offruti lil 3 minnhom mill-FPI. Huwa pprezenta kopji tal-*annexes* tal-*lease agreements* relatati, li kienu jinkludu wkoll l-*istandard cleaning rates,*u dokumenti ohra relatati ma' hlasijiet li jsiru minn dawn it-*tenants* ghas-servizz ta' tindif li tipprovdilhom FIM Property. Huwa spjega li hija procedura amministrattiva li l-*cleaner* jinbidlila l-lok fejn tkun trid tnaddaf perjodikament.

Ix-xhud tenna li l-impjieg tal-Appellanti kien dejjem wiehed *full-time,* fejn ghal 14-il sena shah hadmet 40 siegha u minhabba cirkostanzi personali l-*Management* b'sens ta' kompassjoni kien ta koncessjoni li tahdem sighat inqas. Spjega li dan l-arrangament kien li hija tahdem 21 siegha bejn it-Tnejn u l-Hamis u li tali koncessjoni kienet tiggedded kull sena, kif fil-fatt gara ghal sitt snin. Ix-xhud kompla li apparti certu esigenzi mill-inkwilini, l-esigenza li jinbidel ix-xoghol u l-hinijiet tal-Appellanti kienu gejjin ukoll mit-tlett *cleaners* l-ohra li kienu jahdmu 40 siegha u jwettqu volum aktar ta' xoghol.

Ix-xhud wara ghadda sabiex qal li kienet Christine Coleiro li kienet informatu li l-Appellanti ma kienetx qieghda taccetta la s-*schedule* gdida tax-xoghol u l-anqas li tahdem 40 siegha u b'mod specifiku li tahdem ukoll nhar ta' Gimgha.

Ix-xhud spjega li meta l-Appellanti pprezentat l-ittra ta' rizenja mix-xoghol ma hax gost ghaliex hija kienet ilha tahdem maghhom 23 sena. Huwa sahaq li bhala *Management* xtaqu u kellmuha sabiex hija tipprova 35 jew 32 sighat izda hija kienet rizoluta fil-fehma taghha. Ix-xhud kompla li tenut kont tal-fatt li bhala *seniority* fl-impjieg l-Appellanti kienet aktar anzjana dan kien rifless fis-salarju taghha fejn hi kellha paga oghla minn tal-kollegi taghha. Dan wassal ghal dak li huma (l-kollegi) kienu jqiesu bhala trattament preferenzjali ghaliex kellha paga aktar u xoghol kienet tinghata anqas. Ix-xhud spjega li apparti l-4 *cleaners* impjegati direttament mall-kumpanija, huma kienu jinqdew ukoll b'servizz provdut minn kuntrattur privat li kien jiehu hsieb it-tindif tal-*common areas* u spazji ohrajn mhux tal-inkwilini. Ix-xhud wara ghadda sabiex ta dettalji tal-kuntratti tal-kirja li ghandhom id-diversi nkwilini u anke dettalji dwar min minn fost it-*team* jaghmel il-varji sulari. Huwa spjega li kull sena jaghmlu certu tibdiliet dwar min inaddaf fejn, u dan f'sens ta' flessibilita.

Ix-xhud wara ghadda sabiex spjega l-esigenza tax-xoghol kif zdiedet u li wassalhom sabiex javzaw lill-Appellanti li kien hemm bzonn illi hija similarment bhal l-impjegati l-ohra tibda tahdem gimgha xoghol ta' 40 siegha, u dan permezz ta' zieda gradwali fis-sighat tax-xoghol. F'dan il-kuntest ix-xhud qal li mpjegata ohra taghhom Simone Psaila li kienet *part-timer* kienet giet konvinta sabiex taqleb *full-time* u accettat. Huwa spjega ukoll skeda ta' xoghol approssimattiva li kieku l-Appellanti kienet accettat li tahdem gimgha ta' 40 siegha.

**Charles Testa** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jahdem ma' FIM Property Investments Ltd., fejn ilu sitt snin u huwa *in charge* mis-*Securities* u l-*Cleaners*. Huwa qal li jiehu hsieb it-tqassim tax-xoghol u jaghmel ukoll ir-*rosters.* Huwa spjega li l-

iskedini tax-xoghol u anke ir-*rosters* gieli jigu modifikati skont l-esigenzi tal-Bank u tal-Binja.
Huwa spjega li l-Appellanti kienet intrigata tahdem fl-*Level One* n-naha tal-*Canteen* u fl-*Level Six* fejn hemm allokat l-*HR*. Ix-xhud wara ghadda sabiex spjega d-*draft cleaning schedule* tad-doveri li kienet ippreparata ghall-Appellanti meta din giet infurmata li fil-futur qarib kien ser ikollha taqleb ghas-sighat shah ta' xoghol u cjoe' fuq 40 siegha.

**Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Maria Cardona** ghan-nom tal-Appellanti bdiet it-tratazzjoni taghha billi qalet illi fl-2012 wara certu akkadut familjari, bi ftehim mall-Bank l-Appellanti minn 40 siegha *full-time* bdiet tahdem 21 siegha fil-gimgha u dan bejn it-Tnejn u l-Hamis. Dan il-ftehim kien wiehed tacitu li baqa' jigi mgedded sena wara l-ohra kompliet l-Avv. Cardona. Hija kompliet illi f'Mejju 2018, l-Appellanti giet imsejha sabiex terga' tibda tahdem l-40 siegha fil-gimgha.
L-Avv. Cardona qalet illi filwaqt illi verament l-Appellanti nghatat ghazla illi l-40 siegha jizdiedu gradwalment izda l-massimu ta' sighat mitluba xorta kienu dawk ta' 40 siegha, minkejja li hija (l-Appellanti) sahqet ma setghatx izzid is-sighat.
Fir-rigward tal-esigenza li l-Bank qal li ghandu u li kienu r-raguni li talab lill-Appellanti tirritorna ghal-40 siegha xoghol, l-Avv. Cardona sostniet li tali esigenzi kienu ilhom hemm u ma zvilluppawx fl-2018.
L-Avv. Cardona qalet li meta l-Appellanti giet iffacjata bil-posizzjoni tal-Bank, hija rrifjutat dan l-arrangament gdid, fejn allura ghaliex ma kellha l-ebda alternattiva, sabet ruhha mall-hajt u rrizenjat.
L-Avv. Cardona sahqet illi l-insistenza tal-Bank li s-sighat tax-xoghol tal-Appellanti jizdiedu ghal 40 siegha kien ksur tal-ftehim tacitu li kien hemm bejn il-partijiet.

**Avv. Paul Gonzi** ghan-nom tas-Socjetajiet intimati beda billi qal li f'dan il-kaz ittrattat gew imharrka zewg entitajiet, il-Bank u FIM Property. Huwa kompla li fir-risposta tieghu l-Bank spjega li mhuwiex legittmu kontradittur u dan ghaliex ma kienx l-*Employer* izda dan kien FIM Properties ghal diversi snin qabel it-terminazzjoni tal-impjieg.
L-Avv. Gonzi spjega li sabiex ikun hemm *constructive dismissal* irid ikunu sehhew zewg fatti. L-ewwel, qal l-Avv. Gonzi, irid ikun sar xi ksur fundamentali fil-kuntratt jew tar-relazzjoni bejn l-impjegat u l-*employer*, tant illi l-impjegat ma jkollu l-ebda ghazla ohra ghajr li jirrizenja mix-xoghol. U t-tieni, kompla l-Avv.Gonzi, fejn l-*employer* ikun ha decizjoni mhux ragonevoli li minhabba fiha saret ir-rizenja.
l-Avv. Gonzi sahaq illi f'dan il-kaz ittrattat ma sehhet l-ebda wahda mic-cirkostanzi riferuti. Huwa tenna li FIM Properties offrew ic-cans sabiex l-Appellanti tipprova mbaghad wiehed jara. Izda hija, kompla l-Avukat, mhux biss mill-ewwel li giet infurmata qalet li ser tirrizenja, izda anke xi jumejn wara fejn issottomettiet ir-rizenja bil-kitba.

Dwar il-ftehim tacitu li rreferiet l-Avv. Cardona, l-Avv. Gonzi sahaq li l-kuntratt tax-xoghol kien wiehed ta' *full-time* u cjoe' ta' 40 siegha. Kompla, li wara li l-Appellanti ffaccjat certa cirkostanza il-Bank ta koncessjoni ghal sena li tnaqqas is-sighat tax-xoghol, koncessjoni rivedibbli kull sena. Koncessjoni tenna l-Avukat li baqghet tinghata ghal sitt snin.

L-Avv. Gonzi qal li meta wara sitt snin il-bzonnijiet tal-Bank inbidlu, l-Appellanti giet informata li fuq medda ta' xhur u b'mod gradwali kellha ttella' s-sighat tax-xoghol taghha ghall-*full-time*, kif originarjament kienet impjegata.

F'dan il-kuntest, l-Avv. Gonzi qal li l-Appellanti kienet taf li dik il-bidla fl-ammont ta' sighat li kienet qed tahdem kienet koncessjoni temporanja u mhux bidla permanenti kif donnha riedet tghid l-Appellanti. L-Avv. Gonzi qal li l-posizzjoni tal-Appellanti hija wahda ironika, fejn hija qieghda tippretendi li ghax kien l-*Employer* li kien ta koncessjoni bhala att ta' rieda tajba minhabba cirkostanza li sehhet sitt snin qabel, irid ikun l-istess *employer* li jiggustifika ruhu li tali koncessjoni ma tibqax issehh. Izda anke minn dan il-lat kompla l-Avv. Gonzi, matul dan il-process il-*Management* spjega r-ragunijiet validi ghaliex irid li l-Appellanti tmur lura ghas-sighat li originarjament kient giet impjegata sabiex tahdem. L-Avv. Gonzi sahaq li rragunar bhal dan ikun qed iwassal messagg lill-*Employers* sabiex taht l-ebda cirkostanza ma ghandhom jikkunsidraw koncessjonijiet ghal tibdil ghaliex bhal dan il-kaz ittrattat, tali koncessjoni temporanja tkun ikkunsidrata bhala xi dritt permanenti.

L-Avv. Gonzi ghalaq billi qal li qabel griet bir-rizenja taghha, l-Appellanti mhux biss l-anqas ippruvat izzid gradwalmwnt is-sighat, l-anqas biss ippruvat tghaddi l-posizzjoni taghha bhala lment mill-*grievance procedure*.

Dwar l-argument imqajjem mill-Appellanti fejn sostniet li kieku kienet taf li kienet ser tkun rinfaccata b'din il-posizzjoni, xi sena / sentejn qabel hija kienet taccetta li tiehu l-iskema ta' rtirar kmieni mix-xoghol li kien giet offruta, l-Avv. Gonzi qal li primarjament irid jinghad li kull minn applika mhux bil-fors kien ser ikollu l-applikazzjoni tieghu milqugha u fit-tieni lok ma ngiebet l-ebda prova li kien sa minn dakinhar li l-*Management* kien qed jahseb li jitlob lill-Appellanti zzid is-sighat tax-xoghol taghha u allura bhal dahaq biha meta hija ma applikatx ghal l-iskema riferuta.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu, dan it-Tribunal fela' bir-reqqa dovuta d-dokumenti kollha provduti, x-xhieda kollha li nstemghet matul dan il-process u evalwa kif xieraq l-argumenti mqajjma miz-zewg partijiet. Dan fl-inkwadratura sabiex ikun stabbilit jekk ir-rizenja formali li tat l-Appellanti kienetx wahda forzata minn xi agir mhux gust min-naha tas-socjeta' ntimata (*Reasonableness Test*) u jew agir li jkun jirrispekkja affarijiet li fihom infushom jesponu ksur fundamentali tal-kuntratt tal-impjieg u l-intenzjoni tal-*employer* illi ma jridx jibqa' jonora certu termini tal-kuntratt tal-impjieg (*Contractual / Entitlement Test*).

Ma kienx kontestat il-fatt illi l-Appellanti kienet giet impjegata ma' FIMBANK plc bhala *Cleaner* bejn Ottubru 1995, fil-bidu fuq bazi *part-time* u f'Lulju 1998 fuq bazi *full-time* u li f'Mejju 2014 l-impjieg taghha kien gie formalment trasferit ghal mall-FIM Property Ltd.

Fatt iehor li gie sponut quddiem dan it-Tribunal u li wkoll ma kienx hemm kontestazzjoni dwaru mill-partijiet hu li f'Novembru 2012, il-*Management* kien ta koncessjoni lill-Appellanti fejn minhabba cirkostanzi familjari s-sighat tax-xoghol taghha gew imnaqqsa. Tali koncessjoni nghatat permezz ta' ftehim bejn il-*Management* u l-Appellanti fejn is-sighat tax-xoghol minn 40 siegha fil-gimgha jitnizzlu ghal 21 siegha mifruxa fuq 4 ijiem. Tali ftehim kien jistipula li din il-koncessjoni kienet ghal perjodu ta' sena.

Dan it-Tribunal jaghti mportanza maggura tal-fatt illi filwaqt li tali ftehim baqa' jigi mgedded sa minn Ottubru 2017, li '*status of employment*' tal-Appellanti u cjoe' li hija kienet impjegata '*full-time on an indefinite contract*' qatt ma nbidel. Hija baqghet kuntrattwalment impjegata kienet izda '*deployed on reduced hours*'.

Dan it-Tribunal jaghraf li l-Appellanti bl-aktar mod rizolut tenniet ir-rizenja lill-*Management* ghal darba darbtejn, u dan kemm bil-fomm u anke bil-kitba f'Mejju 2018 appena hija giet informata illi l-koncessjoni li hija kienet ilha tgawdi minnha ghal diversi snin ma kienetx ser tibqa' tiggedded. Dan anke jekk intalbet mill-istess *Management* sabiex tahsiba u anke saritilha offerta li tali awmentar fis-sighat tax-xoghol isir b'mod gradwali.

Fil-fehma meqjusa ta' dan it-Tribunal, matul dan il-process ma giet esposta l-ebda prova konkreta li l-*management* tas-socjeta' ntimata b'mod intenzjonat wettaq jew impona xi mizura li minhabba fiha l-Appellanti ma setghetx tkompli fl-impjieg taghha.

L-Appellanti ghagglet wisq fid-decizjoni taghha li tirrizenja.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal ma giex konvint li l-kaz jittratta terminazzjoni forzata u ghaldqastant jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti ma kienx jikkostitwixxi '*constructive dismissal*'.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

M. Psaila

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**